KUNSILL LOKALI KALKARA
KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2.19A

It-Tlieta 26 ta' Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Christopher Bruno – Viċi Sindku

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kalkara Local Council

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

2.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ma kienx hemm***

2.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Jannar 2019.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Paul Bongailas

2.3 .1 1 **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta preċedenti ( Seduta 1.19)**

(Punt 1.3.A1 mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek spjegat il-Kunsill l-Ombudsman reġa' bagħat email f'isem resident li joqghod ix-Xatt illi fl-opinjoni tiegħu għandha ssir camera quddiem dan l-istess 'take away' biex tissolva l-problema ta' parkeġġ doppju u tripplu bil-għajnuna tal-awtoritajiet ikkonċernati.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-kwistjoni ta' parkeġġ ħażin fl-inħawi biex bniedem jiġbor l-ikel hija kwistjoni ta' enforcement iktar milli ta' camera dan minħabba l-fatt illi l-Kunsill ma jistax jagħmel distinzzjoni bejn il-ħwienet kollha fil-lokal illi xi ftit jew wisq dejjem jinħoloq inkonvenjent bħal dak ta' quddiem dan it-'take away' partikolari imsemmi fil-każ. Il-kunsill irraġuna illi ma jistax jitwaħħlu cameras quddiem kull ħanut miftuħ il-Kalkara imma għandu jkun hemm komunikazzjoni bi sħiħ mal-awtoritajiet biex jinżlu jagħmlu r-rottot u jagħtu ċitazzjonijiet u jigwidaw il-dawk in-nies li qed joħolqu inkonvenjent f'din l-akkwata.

Fuq nota oħra s-Sur Bongailas flimkien mas-Sinjura Sindku Speranza Chircop qablu illi jekk għandhom isiru cameras għandhom isiru f'dawn iż-żewġ postijiet imsemmijin hawn taħt peress li dawn huma s-siti prinċipali ta' sewqan eċċessiv u perikli oħra inġenerali fil-verita':

Santa Liberata
Santu Rokku

Il-kumplament tal-Kunsill preżenti waqt din is-seduta qabel mas-suġġerimenti imsemmijin hawn fuq.

2.3.1.

2 (Punt 14.3.B1 mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek spjegat illi l-proċess ta' 'bye laws' għadu għaddej, hija spjegat illi kien hemm xi affarijiet neqsin minn naħa tagħha biex tkun tista' tipproċedi u qiegħeda tara illi dawn isiru fl-inqas żmien possibli biex b'hekk l-istess draft tal-'bye laws' terġa' tintbgħat lid-dipartiment għal kontinwazzjoni ta' ħidma biex jiġu' ffinalizzati u approvati.

2.3.2 - Korrespondenza

1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop reġgħet qajmet il-punt li jsiru 'traffic calmers' fi Triq Santu Rokku dan wara illi dan ix-xahar kien hemm aktar minn 4 persuni li saħħqu li hemm bżonnom.

Is-Seg Eżek tgħat opinjoni li tintbgħat ittra lir-resident biex il-Kunsill ikollu idea min irid xiex jew min ma jridomx fl-aħħar mill-aħħar dan il-għaliex 'traffic calmer' minn naħa l-oħra tiggenera magħha storbju meta karozza tgħaddi minn fuqha u għalhekk ħadd ma jkun iridha wara biebu.

Is-Sur Paul Bongailas saħaq illi minflok ittra għandha tiġi skedata laqgħa mar-residenti ta' din it-triq biex tiġi diskussa din il-kwistjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sur Bongailas, filwaqt illi s-Sinjura Sultana qalet illi waqt din il-laqgħa tajjeb li s-Sindku tieħu l-mistoqsijiet u d-domandi imqar tnejn tnejn biex b'hekk ma jkunx hawn 'chaos' ta' kummenti bħal ma ġara f'laqgħat oħra meta r-residenti ikunu mistiedna.

2 Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tibgħat il-kunsilliera noti fuq it-tenders kollha li ser jinħarġu aktar tard din is-sena biex b'hekk huma jkollhom parti bi sħiħ fir-regoli ta' dawn l-istess tenders. Hija saħħqet illi l-kummenti tal-kunsilliera għandhom jintbgħatu lilha mill-aktar fiż possibli biex b'hekk tiffinalizza d-dokumenti biex jinħarġu llum qabel għada.

3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop talbet il-kunsens biex titwaħħal 'flood light' quddiem il-maħżen tar-regatta wara li persuna avviċinata b'din it-talba għaliex l-istess qaddiefa qed ikollom problema filgħaxija peress illi s-sit huwa wieħed kemm xejn imdallam.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar il-punt imsemmi hawn fuq.

4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill fuq kwistjoni ta' kont ta' aktar minn 4 t'elef ewro mibgħut lilha fir-residenza tagħha privata, fejn wara illi hi kienet kellmet il-arms indunat illi dan il-kont huwa fil-verita' tal-uffiċini tal-Kunsill u ma kellux jintbgħat għandna personali.

Is-Seg Eżek kompliet żiedet illi minn naħa tagħha kienet diġa' qed tieħu ħsieb il-kwistjoni ma' uffiċjal amministrattiv tal-arms stess biex jissolva dan il-każ. S'issa m'hemm xejn ikkonfermat dan il-għaliex dan il-kont ilu ġej minn qabel ma l-kunsill stess kellu dan is-sit imsemmi fuq il-kont, fl-istess ħin l-istess entita' m'għanda l-ebda tip ta' informazzjoni x'seta' ġara fil-passat u kif għad hemm dan il-kont jidher fuq il-Kunsill Lokali Kalkara. Żiedet tgħid ukoll illi la darba ikun hemm risposta konkreta u gwida kif wieħed jista' jsolvi din il-problema hija kienet ser tinforma l-Kunsill minnufih fuq din il-kwistjoni bħal ma jsir dejjem.

5. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi ġiet avviċinata minn 'Adi Associates' bil-barka ta' ERA Malta biex ikun hemm possibilta' li jiżdiedu s-siġar ġewwa l-lokal tal-Kalkara fejn hi stess kienet qed tissuġġerixxi illi jsir dan fl-inħawi ta :
Genista foundation

Is-Sinjura Sultana ukoll issuġġeriet li jiżdiedu s-siġar fil-premises tal-iskola , kif ukoll is-Sur Vince Bongailas saħaq illi fl-area tal-housing bħalissa vojta n-naħa ta' Triq l-Isptar Navali wkoll ikun sabiħ li jiżdiedu s-siġar.

Dawn is-suġġerimenti ser ikunu qed jintbgħatu lil din l-NGO biex b'hekk jittieħdu fil-konsiderazzjoni tagħhom dawn is-siti għal żieda ta' siġar.

6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin il-Greenpak ser ikunu qed ibiddlu xi skips tar-reċiklaġġ għal dawk aktar moderni bl-isem ta' ibins għas-spejjeż tagħhom biex b'hekk il-lokal tal-Kalkara ikun minn tal-ewwel li bbenifika minn dan il-proġett innovattiv.

7 Il-Kunsill approva unanimament li tinħareġ is-sejħa għal ġbir ta' skart irriċiklat hekk kif inhu skond il-liġi u hekk kif spjegat fid-dettall is-Seg Eżek peress illi fil-preżent il-kuntratt huwa skadut.

Fuq nota oħra hija spjegat illi f'dan l-istadju huwiex għaqli li l-Kunsill iżid ġurnata ta' ġbir ta' skart riċikabbli dan il-għaliex fil-jiem li ġejjin ser ikunu qed jinħarġu struzzjonijiet ġodda minn naħa tal-Wasteserv fuq l-iskart irriċiklat.

8 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-kors ta' robotika bil-kollaborazzjoni ta' TCTC għandu jerġa' jsir bħas-snin preċedenti għal benefiċċju tar-residenti iż-zgħar Kalkariżi bla ebda ħlas iktar tard fis-sena 2019 lejn is-sajf.

9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop spjegat sitwazzjoni ta' resident Kalkariżi illi iktar kmieni dan ix-xahar waqalu l-ħajt li jdawwar l-għalqa tiegħu ġewwa Triq Missjoni Taljana. Dan l-istess individwu kien diġa' kellem lilha personali kif ukoll is-Sindku għal gwida aħjar fuq din is-sitwazzjoni. Is-Sur Camilleri b'ittra formali qed jitlob il-Kunsill il-kunsens tiegħu biex dan l-istess ħajt jerġa' jitella' aktar tard sa Lulju 2019 dan minħabba illi l-ħamrija għada mxarrba u ħabba raġunijiet ovvji l-ħajt ma jistax jerġa' jitella' kif ġib u laħaq dan anka ukoll biex ma jergax jiġri l-istess preferibilment. Is-Sinjura Sindku wkoll spjegat illi l-akkwata bħalissa hija magħluqa b'injam tal-pallets temporanjament.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li dan il-ħajt jiġi mtella' qabel ix-xahar imsemmi mill-individwu stess bil-patt u l-kundizzjoni li fil-frattemp jieħu ħsieb illi l-ħajt temporanju li tella' fil-preżent ikun wieħed sigur dejjem għan-nies li jgħaddu minn fuq il-bankina minn quddiemu.

10 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar bankina li saret bl-approvazzjoni tat-transport malta quddiem residenza privata n-naħa ta' Santu Rokku. Din l-istess bankina kienet diġa' ġiet diskussa mill-Kunsill f'seduta preċedenti fil-verita'. L-individwu li għamilha qed jitlob il-Kunsill refund lura tal-bankina jew tal-inqas tal-materjal dan il-għaliex illi l-bankina qed isservi ta' passaġġ għan-nies li jgħaddu minn hemm bil-mixi peress li l-akwata hija waħda perikoluża u ristretta.

Il-Kunsill talab lis-Seg Eżek tmur lura fil-minuti tas-seduti li hemm diskussa din l-istess bankina għaliex skond huma l-ftehim qatt ma kien li l-flus ser jitħarġu mill-Kunsill minħabba l-fatt illi ġo din it-triq qatt ma kien hemm

bankina minn dejjem. Fuq nota oħra l-istess Kunsill talab lis-Seg Eżek iġġib permess tal-pa ta' din l-istess dar biex b'hekk wieħed ikun jista' jara x'jista' jsir jew ma jsirx fuq din l-istess rikjesta.

11 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi r-Regjun Xlokk kien ser jagevola l-Kunsill Lokali Kalkara bandla għan-nies bi bżonnijiet speċjali ffinanzjata kompletament minn naħa tagħhom. Is-Sindku wkoll infurmat il-Kunsill illi hija kienet diġa' kellmet is-supplier li ser ikun qed jieħu ħsieb it-tweħħil ta' din l-istess bandla biex jinsab post adekwat il-bandli tal-Kalkara. Hija uriet il-post eżatti fejn hija ġejja fuq site map immarkata biex il-Kunsill kollu jkun infurmat.

12 Is-Sinjura Sindku spjegat u infurmat il-Kunsill dwar 'contingency money' li ser ikun qed jieħu l-Kunsill Lokali Kalkara minn naħa ta' 'shoreline project' li ser jinbnew ġewwa Smart City bħala parti mill-kundizzjonijiet li tawhom l-awtorita' tal-mepa stess. Il-flus li ser jingħataw lill-lokal ser ikunu qiegħedin jiġu investiti f'sit illi ser jirriforma ruħu 'family park' bi proġett li jammonta xejn anqas minn 890000 ewros. Diskussjonijiet diġa' għaddejjin biex jinsab sit approprjat . L-istess nies tal-bini ta' shoreline ser ikunu qed jieħdu ħsieb il-pjanti , sit xogħolijiet kollha u dak kollu li hemm bżonn sa ma jinfetaħ il-post għan-nies.
Fil-jiem li ġejjin hi flimkien mas-Seg Eżek ser ikun qed jiġi ffirmat il-kuntratt bejn iż-żewġ partijiet biex dak kollu li ġie diskuss issa jiġi miktub bħala formalita' u konferma għal planning authority.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-punt imsemmi hawn fuq.

13 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill fuq kwistjoni li hemm bejn żewġ residenti li joqgħodu n-naħa ta' Triq Missjoni Taljana fejn wieħed minnhom qed jitlob il-kunsill li jsiru parkeġġi bħala gwida f'din l-akkwata minħabba illi fil-preżent m'hemm xejn impinġi mal-art.

Is-Seg Eżek kompliet tgħid illi hija kellem il-dan l-individwu biex tara eżatt xi jrid fejn hu ikkonferma li jrid 2 parking bays ma' kantuniera speċifika. L-istess Seg Eżek spjegat illi fil-preżent mingħajr markings veru li joqgħodu 2 parkeġġi imma jekk ser jinġieb permess formali skond il-ligi u hekk kif inhu suppost żewġ parkeġġi m'humiex ser joqgħodu biż-żgur u ser ikun qed jinħoloq nuqqas ta' parkeġġ għal kumplament tat-triq fil-verita'.

Il-Kunsill talab lis-Seg Eżek tikseb informazzjoni mingħand il-lands jekk din l-area imsemmija hijiex waħda privata għaliex ir-residenti li joqgħodu fiha dejjem qalu lill-Kunsill li hemmhekk privat pero sa issa l-Kunsill m'għandu xejn ikkonfermat bil-miktub, fuq nota oħra l-Kunsill qabel li m'għandomx isiru

parkeġġi imma għandu jsir parkeġġ għan-nies bi bżonnijiet speċjali hekk kif dan ir-resident li talab għal parkeġġi għandu l-blue badge fil-verita'.

14 Is-Seg Eżek spjegat sitwazzjoni preżenti fil-Kunsill Lokali Kalkara fejn bħal kull kunsill ieħor hija ġiet obligata taħtar dpo biex jara li l-affarijiet fl-ufficini tal-Kunsill jimxu skond ir-regolamenti tad-'data protection officer' dan wara li d-dipartiment flimkien mal-kummisarju tad-data protection infurmaw il-kunsilli li hemm multi kbar x'wieħed jieħu in consideration la darba ma jinħatarx dpo.

Is-Seg Eżek kompliet iżżid illi hi għandha problema biex tinnomina xi ħadd mill-uffiċċju dan il-għaliex il-persuna ideali fil-verita' għandha x'taqsam ma' affarijiet ta' HR fejn skond ir-regoli li rċieva l-Kunsill biex wieħed ikun jista' jaħtar DPO ma jistax ikun jaħdem fuq affarijiet ta' HR. Fuq nota oħra daħħlet ukoll il-UHM fejn qed tagħti l-parir lill-impjegati li ma jaċċetawx din il-kariga dan il-għaliex l-employer ma jistax jobbliga lill-perusna tkun DPO mingħajr il-kunsens tagħha.

Is-Seg Eżek kienet diġa' bagħtet tinforma d-dipartiment illi għandha problema peress illi għandna nuqqas ta' impjegati.

Il-Kunsill qabel mas-Seg Eżek u saħaq illi s-sitwazzjoni tal-Kunsill Lokali Kalkara għandha tintbgħat formalment lid-dipartiment tal-Kunsill kif ukoll lill-kummissarju tad-data protection għal gwida professjonali biex jinħatar DPO barra mill-uffiċju jekk hu possibli. L-istess Kunsill saħaq illi wara s-sagrifiċċji li qed isiru minn naħa tal-Kunsill biex dejjem jitnaqqsu l-ispejjeż ħabba l-financial deficit din il-kwistjoni ser tkun qed tiġġenera magħha infieq ta' flus peress li ħadd ma jagħmel xejn ta' xejn.

15.Is-Seg Eżek infurmat il-kunsill fuq rikjesta m'għand residenti li joqgħodu Triq il-Progress lill-kunsillier Vince Bongailas dirett fejn dawn qed jitolbu li l-akkwata tiġi ristretta bħala żona għar-residenti biss.

Il-Kunsill saħaq u spjega lill-istess kunsillier illi jekk dik it-triq issir ristretta għal residenti biss iridu jiġu hekk it-toroq kollha dan wara d-diskussjonijiet li saru ma' residenti partikolari fuq il-problema eċċessiva ta' parking minħabba attivitajiet li jsiru f'esplora u bighi minn żmien għal żmien. Fuq nota oħra fakkar lis-Sur Bongailas illi dawn il-permessi m'għadhomx jinħarġu minn Transport Malta u li hemm f'lokalitajiet oħra huma permessi antiki li waqqfu jingħataw il-kunsilli minn 8 snin ilu lil hawn.

2.3.3 Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill dwar ħarġiet kulturali li ser tkun qed torganizza fix-xhur ta' Marzu u April 2019 għal anzjani u għal irġiel.

2.3.4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi bil-maltemp ittellgħu żewġ dgħajjes imkissrin u tħallew fin-naħa tax-Xewkija l-Kalkara. Hija qed titlob li titweħħel notifika magħhom biex sidhom ikun jista' jneħħihom fejn jekk jibqgħu hemm saż-żmien stipulat fuq l-istess notifika l-Kunsill ikollu d-dritt li jneħħihom mill-akwata biex b'hekk ma' jerġax jintela' l-post b'dgħajjes żdingati bħal ma' kien hemm fil-passat qabel ma' ġie mnaddaf aktar kmieni fis-sena 2018.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qalet is-Sindku fuq il-punt imsemmi hawn fuq.

2.3.5 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi fil-ġranet li għaddew ikkomunikat u ltaqat mal-Onorevoli Ian Borg fuq kwistjoni personali ta' resident Kalkariż li avviċina biex tgħinu u kif kienet hemm ukoll talbet lill-istess Ministru jgħin lill-Kunsill fuq il-kwistjoni tad-devoluzzjoni u l-berġa hekk kif ġiet gwidata mid-dipartiment tal-kunsill. L-Onorevoli Ian Borg wiegħed lis-Sindku li ser ikun qed jinvesta l-każ minn naħa tiegħu biex jitmexxa l-proċess ta' devoluzzjoni.

2.3.6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi l-kappillan ta' Bormla għaqqad grupp ta' barranin li joqgħodu ġewwa l-Kalkara u l-Cottonera biex jiġu inklużi fil-komunita' rispettiva ta' fejn joqgħodu. Hija wkoll talbet approvazzjoni tal-kunsill biex titħallas miżata ta' 40 ewro fis-sena li għal din is-sena harġita minn butha hi personali biex b'hekk tiġi mizmuma 'webpage' bil-postijiet involuti f'din l-għaqda stess.

Il-Kunsill saħaq illi din il-miżata għandha tiġi mħallsa jew le u deċiz li issir jew ma ssirx mill-Kunsill il-ġdid minħabba l-fatt illi ġejjin l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali la darba tgħaddi s-sena ġiet koperta mis-Sindku stess.

2.3.7 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar problema li kellimha resident partikolari li joqgħod in-naħa ta' Triq il-Ġenista fejn qed isibuha diffiċli fejn ser iħallu l-borża taż-żibel tagħhom dan il-għaliex hemm 21 appartament fuq xulxin. Is-Seg Eżek ikkonfermat li amministratur tal-istess blokka ġie jkellimha l-uffiċċju u qallha illi ser jippruvaw isolvu din il-problema billi jpoġġu l-boroż kollha fl-indana tal-garaxxijiet tal-istess blokkok fejn jidru mill-kuntrattur biex ikun jista' jiġborom mingħajr ma' jinħoloq inkonvenjent għar-resident li joqgħod 'ground floor'.

2.3.8 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop kompliet tisħaq illi wara l-laqgħa pubblika li kellu l-Kunsill aktar kmieni fix-xahar ta' Frar u skond dak li ġie diskuss ma' dawk ir-residenti li kien hemm waqt din il-laqgħa għandha

titneħħa l-iskip ta' Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll dik ta' quddiem ir-regatta club. Din tal-aħħar f'dawn l-aħħar ġranet ġiet ukoll diskussa minn nies fuq fb paġna partikolari fejn ukoll itellaw ritratti ta' żibel eċċessiv li n-nies fuq ic-'charters' li qed jinkrew qiegħedin jiġġeneraw u jitfgħu bl-addoċċ partikolarment.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sinjura Sindku filwaqt illi talab lis-Seg Eżek tibgħat ittri formali lir-residenti li joqgħodu fl-inħawi tal-istess skips imsemmija li ser jitneħħew biex b'hekk kulħadd ikun infurmat.

Fuq nota oħra s-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi l-iskips għandom jitbattlu b'mod aktar galbuz mill-kuntrattur minħabba l-istorbju u tkissir fuq l-istess skips madwar il-lokal.

2.3.9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill li ser tkun qed tibgħat rikjesta mingħand residenti li joqgħodu ġo binja tal-housing biex quddiem il-bieb prinċipali tinżebah 'keep clear' biex ikunu jistgħu jgħaddu komdi kif ukoll minħabba xi emerġenza li tista' tinħoloq bħal kif hemm quddiem entraturi oħra ġol blokkok tal-madwar ġewwa Triq l-Isptar Navali.

2.3.10 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar rikjesta ta' 'ballard' fil-liwja ta' quddiem l-ATM tal-BOV in-naħa ta' Esplora dan wara ħafna ilmenti mingħand residenti li l-karozzi qed jitilgħu u jduru bi 'speed' eċċessiv bil-konsegwenza li qed joħolqu periklu 'l min ikun miexi mill-istess inħawi.

Il-Kunsill qabel li din ir-rikjesta għandha tintbgħat bħas-soltu għal approvazzjoni formali minn naħa ta' TM

2.3.11 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi fil-preżent qed taħdem u tistinka biex jinġieb 'sea bin' fil-lokal tal-Kalkara dan wara li hija kisbet informazzjoni wieħed kif irid jagħmel, hija qed iddur konoxxenzi tagħha li għandom għal qalbhom il-Kalkara biex ikunu parti minn dan il-għan / pjan biex ikollna Kalkara aktar nadifa. Hija saħħqet illi diġa' kellha ammont ta' risposti pożittivi bi sponsors għal dan l-istess bin. Aktar informazzjoni ser tkun qed tingħata l-Kunsill formalment la darba ikollha l-affarijiet bil-miktub.

2.3.12 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba formali li hija irċeviet biex tissemma Triq fil-lokal tal-Kalkara f'ġieħ Dun Spir Tabone . Is-Sinjura Sultana ikkonfermat li l-istess persuna kellmet lilha wkoll fuq l-istess materja. L-istess Sinjura Sultana issuġġeriet li jekk għandha tingħata isem il-din il-persuna għandha tkun parti ta' Santa Filumena fejn kien joqgħod hu stess fil-parti tat-taraġ ta' din l-istess triq.

Is-Sur Paul Bongailas fakkar il-Kunsill illi hu kien diġa' ta lista konkreta ta' suġġerimenti ta' ismijiet ta' toroq ġodda fejn l-istess Kunsill kien diġa' approvahom pero' wieħed kien għadu ma kellux risposti fuqhom fejn din it-triq qiegħeda mniżżla fl-istess lista diġa'.

Il-Kunsill talab lis-Seg Eżek issegwi naqra x'kien ġara min din il-lista , fl-istess ħin is-Sinjura Sindku qalet illi hi ma taqbilx li tingħata l-isem lil biċċa biss ta' Triq Santa Filumena imma għandu jinbidel l-isem tat-triq kollha għal dik ta' Triq Dun Spir Tabone.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Kunsilliera- Is-Sinjura Maria Sultana

A1 Is-Sinjura Sultana infurmat il Kunsill dwar ix-xogħol siewi li qiegħedin jagħmlu 'l 'school student council' u kemm hi kburija li dawn l-istudenti jieħdu din l-inizjattiva tant bis-serjeta' u huma ħabrieka ħafna. Is-Sinjura Sultana talbet il-Kunsill biex japprova li issir laqgħa ta' dan l-istess Kunsill tal-istudenti ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali biex il-Kunsill ukoll jurihom is-support tiegħu għal ħidma tagħhom.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan il-punt.

A2 Is-Sinjura Sultana għaddiet ammont konsiderevoli ta' lmenti / suġġerimenti rigward il-kollettur tal-iskart u dak li għandu x'jaqsam ma' indafa ġenerali fil-lokal, fosthom:

- Triq Gianni Raimondo hemm kaxxa ħġieġ fejn it-taraġ li minbarra ħġieġ xi ħadd kompla jżid il-ħmieġ ġo fiha biex tinġabar

- Triq is salvatur tħallew xi boroż fid-data 25/02/2019

- Il-bin li kien hemm quddiem l-entratura tal-iskola għandu jerġa' jitwaħħal kif kien fil-Passat għaliex inqala' meta kienu qiegħedin isiru xogħolijiet ta' kostruzzjoni fiż-żona u ma reġax twaħħal.

- Is-Sinjura Sultana saħħqet illi tajjeb li wara l-maltemp li għamel aktar kmieni dan ix-xahar ikollna żieda ta' kenniesa fil-lokal kif ukoll iċ-civil

protection jiġu nfurmati b'xi perikli li jista' jkun hawn madwar it-toroq.

- Hemm bżonn isir rapport lis-sid ta' siġra li kibret eċċessivament fuq il bankina n-naħa ta' Missjoni Taljana biex tinżabar għax qiegħeda tkun ta' żgombru għan-nies

- Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi Triq Rnella fejn fil-preżent qed issir it-triq hemm rebus minn naħa tal-kuntrattur li tajjeb li l-Kunsill jiltaqa' mal-perit li qed jieħu ħsieb ix-xogħolijiet biex b'hekk wieħed ikun jista' jgħaddi l-ilmenti kollha tan-nies li joqgħodu fl-istess triq li jinsabu urtati għal mod kif qed isir ix-xogħol. Fl-istess ħin hija talbet illi ż-żona għandha tkun imdawra b'dawl addatat ħabba raġunijiet ovvji.

- Fi Triq Patist Borda fejn l-mcast qed tagħmel xogħlijiet fuq il-ħajt tal-ġenb ta' manutenzjoni, tajjeb li wieħed jinnota illi min qed jaħdem kisser it-taraġ taż-żonqor kollhu . Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi hija kienet diġa' rrapurtat kollox lill-awtoritajiet ikkonċernati nkluż il-qtuh ta' siġar taż-Żebbuġ li kienu ilhom hemm seklu li ġew maqtuha bl-addoċċ matul ix-xogħolijiet li diġa' saru.

3 Is-Sinjura Sultana saħħqet illi t-TM għandhom jiġu nfurmati bi 'traffic island' li saret ġewwa Santu Rokku li sal-ġurnata tal-lum għadha bla dawl kif ukoll bla ebda sinjali ta' gwida lis-sewwieqa li jgħaddu minn dawk l-inħawi.

4 Is-Sinjura Sultana wriet id-dispjaċir tagħha għal mod kif il-kunsilliera ġew mistiedna għal press conference li saret aktar kmieni illum fejn l-Onorevoli Ministru Borg kien ser iżur naħa tal-Kalkara. Hija saħħqet illi mhux etika u mhux xi ħaġa professjonali li ġiet mgħarrfa li kellha tkun 'on site' ftit minuti qabel ma' fil-verita' riedet tkun hemm.

2.4.B Il-Kunsillier – Is-Sur Paul Bongaials

1 Is-Sur Paul Bongailas staqsa jekk kienx hemm xi tip ta' risposta minn naħa tal-awtorita' fir-rigward il-mina tal-Kalkara. Is-Seg Eżek ikkonfermat illi sad-data tal-lum ħadd ma kien għadu weġibha u ser tkun qed tibgħat email ta' tfakkira għal darboħra.

2 Is-Sur Bongailas ikkonferma li dan il-punt diġa' ġie mwieġeb aktar kmieni f'din is-seduta.

3 Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill illi l-attivita' tal-Għid li hu kien issuġġerixxa fis-seduta preċedenti ser ikollha tiġi mħassra dan wara li n-nies li kienu ser ikunu nvoluti għandhom impenji oħra diġa' skedati sfortunatament

4 Is-Sur Bongailas talab lis-Seg Eżek tiġbor l-informazzjoni li hemm bżonn li jiġi infiltrat fid-draft li hu kien qed iħejji biex jiġi pprintjat il-fuljett tal-Kunsill ta' qabel l-Għid sa 19 ta' Marzu 2019 inkluż id-diskors tas-Sindku bħal dejjem.

5 Is-Sur Bongailas ikkonferma li dan il-punt diġa' ġie imwieġeb aktar kmieni f'din is-seduta.

2.4C Il-Kunsillier- Vince Bongailas

1 Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg Eżek tagħmel rapport formali fuq dgħajsa pparkjata fi Triq l-Isptar Navali dan wara li daħlulu xi lmenti mingħand residenti Kalkariżi stess.

## 2.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 2.19 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 2.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 2.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

2.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 26 ta Marzu 2019 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 7:00 Ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 26 ta' Frar 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |